**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Ġorġ Camilleri

*versus*

Ġorġ Bonello

**Spoll - *Actio Spolii* - Applikazzjoni tal-*Vim Vi Ripellere Licet***

*Hu proprju biex tiġi assigurata s-saltna tad-dritt li l-liġi tipprovdi r-rimedju possessorju biex b'ċelerità tassigura li kollox jitqiegħed fl-istat li kien qabel ma seħħ l-att,* "vi aut clam", *spoljattiv turbattiv tal-pussess bħala stat ta' fatt.*

*F'azzjoni possessorja ta' din ix-xorta, l-att turbattiv tal-pussess li ta lok*

*għaliha għandu dejjem ikun identifikabbli u għandu dejjem jiġi bi preċizjoni identifikat (*"spoliatum fuisse"*) bħala fatt li seħħ fi żmien determinat mhux biss għaliex mill-mument meta javvera ruħu li l-perijodu ta' dekadenza estintiva ta' l-azzjoni jibda jiddekorri, imma ukoll għaliex it-talba jeħtieġ li tkun għar-reintegrazzjoni ta' l-attur fl-istat possessorju li kien fih qabel ma seħħ il-fatt u dana qabel kull ħaġa oħra (*"ante omnia restituendum"*).*

*L-element determinanti hu dak tal-pussess materjali u hu proprju dan li jintitola lill-possessur li jirreżisti l-attentat tat-terz biex jespunjah minn dak il-pussess bil-forza u mhux in esekuzzjoni ta' xi ordni ġudizzjarja u f'dan il-kuntest u b'ġustifikazzjoni u appoġġ tal-prinċipju* "vim vi repellere licet".

*L-Ewwel Qorti sabet illi kien hemm spoll u ordnat ir-reintegrazzjoni. Il-Qorti ta' l-Appell sabet applikazzjoni għall-* "vim vi ripellere licet" *u rrevokat is-sentenza appellata u ċaħdet it-talbiet attriċi għaliex irriteniet illi r-reazzjoni tal-konvenut fil-każ taħt eżami dakinhar stess li l-attur ikkommetta l-att spoljattiv tiegħu ma setgħetx ma titqiesx li kienet waħda immedjata reattiva fil-kuntest ta' l-istess inċident uniku appena li l-konvenut seta' jaċċerta ruħu li seta' jaġixxi b'mod li jevita konfrontazzjoni fiżika kif kellu kull dritt jekk mhux dover li jagħmel.*

Il-Qorti:-

L-attur ipproċeda quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'dan l-att taċ-ċitazzjoni f'azzjoni ta' spoll privileġġat:

"L-attur ippremetta:

"Illi l-attur ilu għal aktar minn ħdax (11)-il sena jużа u jaħdem għalqa magħrufa bħala "Tan-Niċċa", f'San Ġwakkin, limiti ta' Ħal Qormi, u dan wara li xtara, bil-prezz ta' mitt lira Maltija (Lm100), id-dritt li jagħmel dan mingħand Ġużeppi

Bonello (illum mejjet) missier u awtur tal-konvenut, li kellu l-istess għalqa mqabbla għandu;

Illi sussegwentement Philip Bonello, *ħu l-konvenut* , *bi* ftehim ma' l-attur, beda jaħdem nofs l-imsemmija għalqa wara li rrifonda lill-attur is-somma ta' ħamsin *lira Maltija (Lm50)* ċjoè nofs il-prezz oriġinali;

Illi f'dawn l-aħħar xahrejn il-konvenut abbużivament u *illegament għalaq bil-ġebel l-unika fetħa li minn dejjem kien* hemm fil-ħajt ta' l-għalqa in kwistjoni b'mod li mblokka l-*aċċess u l-liberu passaġġ ta'* l-*attur u konsegwentement* spussessah mid-dritt ta' l-użu u tgawdija ta' l-istess għalqa;

*Illi* għalhekk il-konvenut ikkommetta spoll fil-konfront ta' l-attur;

Talab li l-Qorti:

Tiddikjara li l-konvenut bl-aġir abużiv, vjolenti u llegali tiegħu kkommetta spoll a dannu ta' *l-attur konsistenti fl-*imblukkar bil-ġebel ta' l-uniku aċċess għall-għalqa fuq riferita li l-attur ilu għal aktar minn ħdax (11)*-il sena juża u jaħdem* parti sostanzjali minnha b'arranġament ma' l-awtur u missier ta' l-istess konvenut;

*Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenut* biex, *fi* żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti, *jirripristina u jerġa' jiftaħ* l-*aċċess fil-ħajt* ta' *l-għalqa in* kwistjoni, taħt id-direzzjoni ta' perit arkitett innominat għal dan l-*iskop, b'mod li* l-*attur ikun jista' jaċċedi liberament għall-*għalqa fuq riferita;

*In difett tawtorizza lill-attur biex a spejjeż tal-konvenut u* taħt id-direzzjoni ta' l-istess perit arkitett jagħmel ix-xogħlijiet kollha neċessarji biex jiftaħ mill-ġdid il-fetħa fil-ħajt ta' l-għalqa fuq riferita";

Il-konvenut *eċċepixxa illi t-talba attriċi hija* nfondata fil-fatt u fid-dritt billi hu ma kien ikkawża ebda spoll kif kien qed jiġi allegat. Di più l-attur kellu jipprova l-elementi kostituttivi ta' l-ispoll;

B'sentenza tal-11 ta' Diċembru, 1996 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u laqgħet it-talbiet attriċi u għall-finijiet tat-tieni talba ipprefeġġiet *terminu perentorju* ta' għaxart ijiem utili u nnominat lil AIC David Pace biex jidderiġi x-xogħlijiet bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat id-deċiżjoni tagħha:

"Il-partijiet stess jaqblu li l-azzjoni ntentata mill-attur hija dik possessorja ta' spoll privileġġat. Din hija l-azzjoni kkontemplata mill-*artikolu 535 tal-Kodiċi* Ċivili (Kap. 16) li jiddisponi li:

"Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, imneżża' mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' l-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad *fl-artikolu 791 tal-Kodiċi* ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

*Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-Qorti*, ukoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun

bata l-ispoll";

L-artikolu 791 *fuq riferit tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u* Proċedura Ċivili *jirregola* l-azzjoni ta' spoll billi jiddisponi li:

"Il-konvenut f'kawża ta' spoll magħmula *fi żmien xahrejn minn* dakinhar li jkun sar l-ispoll ma jista' jagħti ebda eċċezzjoni li mhix dilatorja, qabel ma jkun reġa' qiegħed *il-ħaġa* fl-istat ewlieni u reġa' qiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel il-parti li tkun batiet l-ispoll, f'dak iż-żmien illi, skond iċ-ċirkostanzi, jiġi mogħti lilu fis-sentenza, *bla ħsara ta'* jeddijiet oħra tiegħu;

Id-disposizzjonijiet ta' dan l-*artikolu* jgħoddu ukoll fil-każ ta' kerrej li jbati l-ispoll tad-detenzjoni tal-ħaġa lilu mikrija, sew minn sid il-kera kemm minn terza persuna:

Il-Qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll";

Kif kellhom okkażjonijiet jippronunzjaw ruħhom in materja dawn il-Qrati, (Koll. Vol. XLII-II-973) l-*actio spolii* hija radikata pjuttost fuq l-eżiġenzi ta' utilità soċjali milli fuq prinċipju assolut tal-ġustizzja u hija eminentement *intiża* sabiex *tkun* estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jiġi mpedut liċ-ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh, b'*mod li l-fini tagħha* huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat. L-artikolu tal-liġi li jikkontempla din l-azzjoni huwa indubbjament ta' ordni pubbliku u *huwa inerenti* għall-fatt ta' min b'awtorità privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, *għalkemm jista'* jkollu dritt għalih, *ma jkunx jista' jeżerċitah* mingħajr l-*intervent* tal-Qrati; u ma' dak l-artikolu huwa marbut l-ieħor tal-Proċedura Ċivili li jaħseb li jgħid li kontra *l-azzjoni* ta' spoll mhumiex *ammissibbli* ħlief eċċezzjonijiet dilatorji;

Ġie ukoll ritenut (re **Camilleri *vs* Agius**, P.A. 20/10/1882):

"*All'attore in reintegrazione è sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione anche talora privo di causa giuridica, la "injusta possessio" toltagli "vi aut clam" entro lil bimestre legale*";

U kif ingħad in re **Camilleri *vs* Giglio**, P.A. Ċiv. 20/1/1883 (Kol. Vol. X - 556);

"*neanche è permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perchè la legge non richiede che un possesso materiale e di fatto ... e si concede anche al possessore che avesse in tempo precedente usurpato con violenza la cosa altrui*";

Għalhekk fl-azzjoni esperita mill-attur, il-konvenut ma jistax jeċċepixxi li l-pussess ta' l-attur huwa vizzjat. F'din l-azzjoni jipprevalixxi l-prinċipju ntrodott fid-Dritt Kanoniku *spoliatus ante omnia restituendus*;

Fil-qosor, il-fatti li taw lok għall-kawża odjerna huma s-segwenti:

L-attur għal diversi snin kellu d-detenzjoni ta' parti mill-għalqa msemmija fiċ-ċitazzjoni li kien jaħdem u f'parti minnha inixxef id-demel. L-attur kellu aċċess għal din l-għalqa minn apertura li l-konvenut imblokka bil-kantuni tad-dobblu, liema azzjoni l-attur qed jippretendi li tikkostitwixxi spoll vjolenti li tagħtih dritt jeżerċita l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-konvenut;

Il-vertenza odjerna ġiet ikkomplikata minħabba li l-allegat spoll ġie pprećedut minn atti spoljattivi oħra kommessi mill-konvenut li l-attur kien iddefenda ruħu minnhom fuq l-iskorta tal-prinċipju *vim vi repellere licet;*

Hemm kuntrast fil-provi prodotti dwar kemm *l-ispoll* ġie kommess *mill*-konvenut qabel dak *de quo* li ġara fis-27 ta' Marzu, 1994. Skond il-versjoni ta' l-attur, l-apertura in kwistjoni ingħalqet tliet darbiet mill-konvenut, l-aħħar darba fis-27 ta' Marzu, 1994. meta ġew involuti l-pulizija u fl-ewwel żewġ okkażjonijiet reġgħet infetħet mill-attur; u skond il-versjoni tal-konvenut, ingħalqet darbtejn u nfetħet biss darba mill-attur u preċiżament fis-27 ta' Marzu, 1994;

*Is-sottomissjoni tal-konvenut hija li l-ispoll sar iżjed minn* xahrejn qabel ma ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni odjerna u dan billi l-konvenut jirritjeni illi "bejn Novembru 1993 sa Marzu ta' l-1994 ngħid li l-ħajt kien baqa' intatt";

Saru ukoll sottomissjonijiet fuq jekk l-attur f'azzjoni ta' spoll jistax jaġixxi fi żmien xahrejn minn meta sar jaf bl-ispoll jew minn meta ġie kommess l-ispoll. Ġie ukoll ittrattat il-prinċipju ta' autodifeża konċess lill-ispoljat dwar jekk huwa jistax jagħmel dan, jiġifieri jekk l-attur setax jerġa' jiftaħ il-ħajt kif għamel fis-27 ta' Marzu, 1994, meta skond il-konvenut, l-attur ma setax jagħmel dan billi l-azzjoni difensiva ta' l-ispoljat trid issir *confestim* u *in continenti* u mhux *ex intervallo*;

Dawn is-sottomissjonijiet mhumiex, fil-fehma ta' din il-Qorti, rilevanti għall-azzjoni odjerna billi l-konvenut ma jistax jattakka l-pussess ta' l-attur. Għalhekk, mhux rilevanti li jiġi ndagat jekk l-attur setax jerġa' jiftaħ l-apertura fis-27 ta' Marzu, 1994, għaliex li jrid jiġi eżaminat huwa l-aġir tal-konvenut billi kif intqal, anke l-pussess inġust huwa protett bl-azzjoni ta'

spoll. Kien ikollha rilevanza tali indaġini dwar il-pussess ta' l-attur kieku l-azzjoni odjerna kienet dik ta' manutenzjoni;

Għalhekk kull indaġini dwar l-antecedenti għall-ispoll meritu tal-kawża hija inutili u lanqas mhi permessa mil-liġi, billi l-attur biżżejjed jipprova s-sempliċi detenzjoni u l-konvenut jista' jissolleva biss eċċezzjonijiet dilatorji;

Il-konvenut stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jammetti li huwa rrikostruwixxa l-ħajt in kwistjoni, jiġifieri għalaq l-apertura *de qua* fis-27 ta' Marzu, 1994, u b'hekk spolja lill-attur f'dik id-data. L-attur ippreżenta ċ-ċitazzjoni odjerna fit-23 ta' Mejju, 1994, u għalhekk fit-terminu ta' *xahrejn* preskritt mil-liġi;

Billi, kif intqal, l-azzjoni ta' spoll privileġġat hija eminentement intiża biex jiġi mpedut liċ-ċitaddin privat li jieħu l-ġustizzja b'idejh, issa l-attur adixxa l-Qorti, flok reġa' waqqa' l-ħajt li bena l-konvenut;

L-att spoljattiv tal-konvenut ma sarx meta l-attur kien qed iwaqqa' l-ħajt, u għalhekk, il-konvenut ma jistax jipprevalixxi ruħu mill-prinċipju *vim vi repellere licet* billi skond id-dottrina in materja (Koll. Vol. LLXXIII - II - p. 273) "*contro l'altrui azione violenta è consentita anche l-autodifesa. Perciò posso oppormi alla violenza mentre questa è in atto (in continenti e non ex intervallo). Se invece, la violenza è cessata, devo ricorrere al guidice esperendo l'azione possessoria - omissis - Ma se non c'è l'immediatezza, il possessore che difendesse il suo "ius possessionis" agendo personalmente incorrebbe nel reato di ragion fattasi*";

Il-konvenut reġa' bena l-ħajt biex jagħlaq l-apertura in kwistjoni wara li kienet spiċċat il-vjolenza ta' l-attur, u b'hekk

il-konvenut ħa l-liġi b'idejh (*ragion fattasi*) għaliex l-aġir tal-konvenut ma sarx waqt li l-attur kien qed iwaqqa' l-ħajt, iżda meta l-vjolenza ta' l-attur ma kinitx għadha *in atto*;

Dan l-appell, fil-fehma tal-Qorti, jimmerita li jiġi milqugħ. Il-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti korrettement jenunċjaw il-prinċipji legali applikabbli f'materja ta' spoll privileġġat. Hu fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-fatti taħt eżami li l-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti jirriżultaw mankanti u dan għaliex dan l-eżerċizzju ma ġiex magħmul b'dik ir-rigorożità li bih dawn il-prinċipji kellhom jiġu applikati biex tiġi assigurata r-reintegrazzjoni ta' l-*istatus quo* fil-mument preċiż meta l-att spoljattiv hu allegat li ġie kommess;

"L-istatut ta' l-ispoll hu ntiż biex jassigura li fis-soċjetà ma tirrenjax il-liġi tal-ġungla, biex jesiġi li wieħed irid jirrikorri lejn il-Qrati biex jieħu d-drittijiet tiegħu u mhux li jieħu l-liġi b'idejh bil-forza u bil-vjolenza. Anke jekk si tratta li jirkupra dak li hu manifestament tiegħu" (**Raymond Camilleri vs Joseph Baldacchino**, deċiża mill-Prim'Awla fit-3 ta' Ottubru, 1991);

Hu proprju biex tiġi assigurata s-saltna tad-dritt li l-liġi tipprovdi r-rimedju possessorju biex b'ċelerità tassigura li kollox jitqiegħed fl-istat li kien qabel ma seħħ l-att, *vi aut clam*, spoljattiv turbattiv tal-pussess bħala stat ta' fatt. Hi għalhekk ġusta l-osservazzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi kull indaġini dwar l-antecedenti għall-ispoll meritu tal-kawża kienet inutili u lanqas mhi permessa mil-liġi peress li kien biżżejjed għall-attur li jipprova s-sempliċi detenzjoni u l-konvenut jista' jissolleva biss eċċezzjonijiet dilatorji. Din il-Qorti, għalhekk, ma għandhiex u mhix sejra tieħu konjizzjoni tas-sottomissjonijiet li saru lha prinċipalment mill-appellat, li huma ta' natura petitorja jew li jittantaw li jinvestigaw il-komportament abrasiv tal-kontendenti

fix-xhur antecedenti għall-fatti meritu ta' din il-kawża. F'azzjoni posessorja ta' din ix-xorta l-att turbattiv tal-pussess li ta lok għaliha għandu dejjem ikun identifikabbli u għandu dejjem jiġi preċiżjoni identifikat (*spoliatum fuisse*) bħala fatt li seħħ fi żmien determinat mhux biss għaliex mill-mument meta javvera ruħu li l-perijodu ta' dekadenza estintiva ta' l-azzjoni jibda jiddekorri imma ukoll għaliex it-talba jeħtieġ li tkun għar-reintegrazzjoni ta' l-attur fl-istat possessorju li kien fih qabel ma seħħ il-fatt u dana qabel kull ħaġa oħra (*ante omnia restituendum*). Hu ċar mill-provi illli l-attur qed jippretendi li l-att spoljattiv li pprovokah jaġixxi bil-preżenti azzjoni seħħ fis-27 ta' Marzu, 1994, u jirrigwarda aċċess bejn iż-żewġ għelieqi detenuti mill-kontendenti rispettivament. Dan l-aċċess f'xi żmien kien ġie mblukkat bil-ġebel mill-konvenut. Fis-27 ta' Marzu, 1994 l-imblokkatura imblokkata ġiet mitu ħa mill-attur. Il-konvenut jammetti li hu reġa' għalaqha bil-ġebel. Hu jsostni dakinhar stess:

Dawn il-fatti huma kkonfermati b'żewġ sentenzi tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, it-tnejn in data 26 ta' April, 1994. Waħda sabet lill-attur ħati ta' *ragion fattasi* u dana għad-dannu tal-konvenut meta ħatt bini fl-għalqa *de quo*, l-oħra sabet lill-konvenut ħati ta' l-istess akkuża għad-dannu ta' l-attur meta bena l-istess ħajt fl-istess għalqa. Il-kontendenti allura jakkużaw lil xulxin ta' molestja fil-pussess u li bi vjolenza użurpaw tali pussess. Il-*vexata questio* f'din il-kawża hi allura min mill-kontendenti seta' legalment jivvanta li kellu l-pussess li skond il-liġi kien jintitolah għall-protezzjoni u allura għar-reintegrazzjoni;

*"Che l'azione di reintegrazione nel possesso è stabilita a tutela di chi è veramente possessore contro qualsiasi atti che costituisca violazione di tale possesso; chi frappone ostacoli al legittimo o libero esercizio dell'altrui diritto è uno spogliatore e non può invocare in sua difesa disposizioni di legge che sono precisamente intese a reprimere e non già a sostenere e*

*proteggere simili atti di spoglio*" (Vol. XXIV, pt. I, p. 281);

L-element determinanti hu dak tal-pussess materjali u hu proprju dan li jintitola lill-possessur li jirreżisti l-attentat tat-terz biex jespunjah minn dak il-pussess bil-forza u mhux in esekuzzjoni ta' xi ordni ġudizzjarja u b'dan il-kuntest hu b'ġustifikazzjoni u appoġġ tal-prinċippju *vim vi repellere licet* li fl-istess sentenza appena ċċitata ġie ritenut;

"*dell'altro canto chi rimuove ostacoli trovati nel passaggio alle proprie terre per aprirvi l'accesso che prima possedeva, non fà atto violento, nè commette spoglio, nè si fà giustizia da sè ma esercita il suo diritto entro i limiti del suo possesso, o meglio, afferma e continua il proprio possesso di cui era in godimento legittimo che fu turbato da chi ha posto quegli ostacoli*" (sottolinear ta' din il-Qorti);

Konsiderazzjoni li tapplika *a contrario senso* fil-każ fejn, bħal każ taħt eżami, min ikun qed igawdi l-protezzjoni ta' reċint għal raba' fil-pussess tiegħu, u jiġi turbat b'dak il-godiment billi terz jagħmel fetħa fih b'mod li jipprovdi aċċess u passaġġ minnu għalih fejn qabel ma kienx hemm;

Hu dan ix-xorta ta' pussess li jeħtieġ li jiġi nvestigat biex jiġi ddeterminat jekk l-attur jissodisfax l-ewwel tok l-aktar element vitali ta' l-azzjoni ta' spoll privileġġat - *possedisse*. Kif hu risaput "il-pussess li trid il-liġi fl-ispoljat għall-fini ta' l-azzjoni ta' reintegrazzjoni ma hemmx bżonn ikun pussess b'titolu ta' proprjetà jew ta' servitù imma biżżejjed pussess kwalunkwe anke purament materjali u *di fatto*" (Vol. XXVII, pt. I, p. 280). "Pussess li jista' ukoll ikun illeġġittimu. Anke pussess qasir ħafna u saħansitra pussess momentarju huwa biżżejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll" (Vol. XXXVIII, pt. II, p. 642). "Il-proprjetarju ta' dritt (bħal ma qegħdin

jippretendu li kienu ż-żewġ kontendenti f'din il-kawża) jista' ukoll ikun l-awtur ta' spoll u molestja" (Vol. XXIX, *pt.* II, *p.* 373);

*Il*-provi prodotti mill-kontendenti jistabbilixxu bla ebda dubbju illi fis-27 ta' Marzu, 1994, kien il-konvenut li fl-ewwel lok kellu pussess materjali tal-jedd li l-proprjetà minnu detenuta ma tkun soġġetta għal ebda dritt ta' aċċess jew passaġġ minn proprjetà detenuta mill-attur u dana billi l-ħajt li jifridhom bl-ebda mod fl-ebda parti minnu ma kellu xi fetħa jew selħa mnejn seta' jgħaddi l-attur. Mhux biss hu stabbilit mill-provi - senjatament mix-xhieda ta' l-istess attur - illi l-imblokkatura kkontestata kienet żgur ilha magħluqa almenu mit-28 ta' Jannar, 1994, u dana sas-27 ta' Marzu, 1994, b'mod ininterrott. Infatti, l-avukat ta' l-attur f'ittra ddatata 17 ta' Jannar, 1994 kien interpella lill-konvenut biex "jerġa' jiftaħ il-fetħa fil-ħajt ... li l-mittent kien ilu għal dawn l-aħħar ħdax-il sena juża". Il-konvenut ipproduċa provi li l-ħajt addirittura ġie magħluq minnu f'Ottubru, 1993. Apparti l-ittra li l-avukat tiegħu bagħat lill-konvenut li għaliha appena saret referenza, l-attur ma jidher li ħa ebda azzjoni ġudizzjarja oħra biex jiġi reintegrat fil-pussess materjali tad-dritt ta' aċċess li qed jippretendi li kien ġie lilu użurpat. Indubbjament, fil-mument meta l-attur fis-27 ta' Marzu, 1994, bil-forza u kontra l-volontà tal-konvenut reġa' fetaħ il-ħajt hu kien qiegħed materjalment jiddisturba l-i*status quo*. Hu kien qed jimpedixxi lill-konvenut mill-godiment materjali tal-proprjetà tiegħu ħielsa minn kull dritt ta' *servitù* jew aċċess li kien qed jippretendi li kellu l-istess attur. Hu stabbilit bħala fatt allura li fl-ordni kronoloġiku kif ġraw l-eventi fis-27 ta' Marzu, 1994:

Kien fl-ewwel lok il-konvenut li kellu l-pussess materjali *di fatto* - anke jekk seta' kien illeġittimu - tal-ħajt imbarrat u bla aċċess u li dan il-pussess kien bħala fatt jissussisti għal żmien konsiderevoli;

Kien l-attur li fl-ewwel lok b'att vjolenti, kjarament kontra l-volontà tal-konvenut fetaħ il-ħajt u din l-azzjoni ma tistax ma tiġix meqjusa bħala att turbattiv tal-pussess li f'dak il-mument kien qed igawdi l-konvenut;

Kien il-konvenut li rreaġixxa għal dan l-aġir ta' l-attur u fl-istess jum reġa' għalaq il-fetħa miftuħa mill-attur u reġġa' kollox fl-istat li kien qabel l-azzjoni turbattivi ta' l-attur;

L-attur qed jippretendi li fil-mument meta l-konvenut reġa' għalaq il-fetħa, dan kien qed jikkommetti spoll abbużiv u vjolenti tad-drittijiet tiegħu għaliex dan il-mument kien hu li kellu l-pussess ta' l-aċċess minnu miftuħ. Il-konvenut min-naħa tiegħu jippretendi li hu kellu kull dritt bil-forza li jirreaġixxi tempestivament biex jirrivendika l-pussess tiegħu in forza tal-prinċipju fuq enunċjat *vim vi ripellere licet* u li dan huwa kien għamlu *confestim* u mhux *ex intervallo*. L-Ewwel Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni tal-konvenut għaliex dehrilha li l-konvenut kien reġa' bena ħajt biex għalaq l-apertura wara li kienet spiċċat il-vjolenza ta' l-attur għaliex f'dak il-mument l-attur kien temm l-azzjoni vjolenti tiegħu meta kien għalaq il-ħajt. Irriteniet illi l-vjolenza ta' l-attur kienet waqfet fil-mument meta aġixxa l-konvenut u allura l-konvenut kellu biss jirrikorri b'azzjoni posessorja quddiem il-Qrati u mhux li jaġixxi unilaterlament biex jirrivendika d-drittijiet tiegħu;

Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-konsiderazzjoni għaliex kif ingħad jirriżulta li r-reazzjoni tal-konvenut kienet waħda immedjata u tempestiva tant li saret - u dan hu ppruvat mill-atti anke jekk jidher li hu dettal li eluda l-attenzjoni tal-Qorti u li hu inutilment ikkontestat mill-attur - fl-istess jum li fih aġixxa vjolentement l-attur. Ma jistax ma jiqiesx allura li l-konvenut aġixxa b'difiża leġittima tal-pussess tiegħu;

Hu minnu li l-prinċipju in materja hu li:

"xejn ma jiswa li l-konvenut fl-azzjoni ta' spoll ikun ikkommetta l-fatt ta' l-ispoll biex *jirrespinġi azzjoni inġusta ta'* l-attur għaliex apparti li din hija pretensjoni li tirrigwarda materja petitorja, l-azzjoni ta' spoll hija ammissibbli anke f'każ ta' pussess leġittimu u jekk il-fatt inġust ta' l-attur ikun ilu ċertu żmien li ġie kommess dik l-allegazzjoni xejn ma tiswa anke għaliex l-eċċezzjoni tal-*vim vi repellere* tista' *tingħata biss meta* l-azzjoni difensiva ssir *confestim* jew *in continenti* u mhux *ex intervallo*" (Vol. XLI, pt. II, p. 846);

Prinċipju li ġie ribadit f'sentenzi oħra ta' dawn il-Qrati fosthom fil-kawża **Francesco Spiteri *vs* Ġiljan Briffa**, deċiża minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-15 ta' April, 1986, li fiha l-Qorti kkunsidrat azzjoni difensiva tal-konvenut f'sitwazzjoni ta' fatti simili għal dak taħt eżami magħmula appena ġimgħa wara li l-attur kien għamel ix-xogħol abbużiv tiegħu bħala li ma kinitx ġustifikata minn dan il-prinċipju;

*Mill-banda l-oħra l-immedjatezza li trid il-liġi ma tistax u* ma għandhiex tiġi ekwiparata mar-reazzjoni kontemporanja ma' l-aġir spoljattiv li bih l-attur jużurpa l-pussess tal-konvenut u jakkwistah a skapitu tiegħu. Interpretazzjoni riġida bħal din twassal għal sitwazzjoni assurda jekk mhux ukoll provokatorja għall-konfront fiżiku vjolenti bejn min kien ikun qiegħed jikkontesta l-istess dritt għax tipprovoka konfrontazzjoni fiżika mmedjata f'sitwazzjoni spiss esplossiva;

"*nessuno nega che sia lecito non soltanto di conservare e defendere colle forza il possesso ne di ricuperare eziando colla forza il possesso per effetto della violenza perduta; l'unica condizione che viene richiesta al riguardo si è che la forza si impieghi confestim o in continenti non ex intervallo. Se non che*

*quando si dice confestim non va gia intesa la parola in senso assoluto e strettamente literale bensi in senso relativo ed a seconda delle circostanze da apprezzarsi della prudenza del judice*" (Vol. XXIX, pt. I, p. 281);

Din il-Qorti hi tal-fehma illi r-reazzjoni tal-konvenut fil-każ taħt eżami dakinhar stess li l-attur ikkommetta l-att spoljattiv tiegħu ma tistax ma titqiesx li kienet waħda mmedjata rejattiva fil-kuntest ta' l-istess inċident uniku appena li l-konvenut seta' jaċċerta ruħu li seta' jaġixxi b'mod li jevita konfrontazzjoni fiżika kif kellu kull dritt jekk mhux dover li jagħmel. L-apprezzament ta' din il-Qorti hu fis-sens illi l-azzjoni tal-konvenut setgħet titqies li kienet waħda difensiva kontra l-aġir offensiv ta' l-attur (naturalment, apparti kull ġustifikazzjoni li seta' kellu fil-petitorju) li saret *confestim* u *in continenti*. Tqis li kien hemm fir-reazzjoni tal-konvenut dik l-immedjatezza li fiha l-liġi tippermetti lill-persuna li l-pussess tagħha (anke jekk wieħed illeġittimu) ikun qed jiġi użurpat li jiddefendi il-*ius posessionis* tiegħu;

Din l-eċċezzjoni tal-konvenut qed tiġi għalhekk akkolta;

Għal dawn il-motivi, is-sentenza appellata qed tiġi revokata u t-talbiet attriċi miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur.

———————